MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2520/1997/1

**Dr. Toni Abela bhala mandatarju specjali ta' Richard Matrenza**

**Vs**

**John Formosa f'ismu proprio u bhala Editur tal-Gazzetta "The People on Sunday"**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-5 ta' Novembru 1997 fejn gie premess:

Illi l-konvenut, fil-harga tal-gazzetta "The People on Sunday" tas-26 ta' Ottubru 1997 stampa f'pagna 11 ta' l-istess harga rapport bit-titolu "Village Gossip" sotto intitolat "Dick 'Whittington' Matrenza" u liema artikolu kien jirreferi ghall-attur tant li huwa akkompanjat b'ritratt tieghu;

Illi l-konvenut ghamel dan billi attribwielu fatti determinanti bi skop li joffendilu l-unur u l-fama ta' l-attur jew li jesponih ghar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku;

Illi minhabba dan l-attur sofra danni u ghalhekk jintitolah li jipprocedi bl-istanti kontra l-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut hati u responsabbli ta' Malafama fil-konfront ta' l-attur meta ppermetta li jigi stampat l-artikolu sudett fil-harga tal-gazzetta "The People on Sunday" tas-26 ta' Ottubru 1997;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur somma li ma teccedix l-ammont ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5000) ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *nomine,* il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta' Gunju 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi, preliminarjament, ic-citazzjoni hija nulla stante li l-attur mhuwiex debitament awtorizzat jidher f'din il-kawza, u inoltre m'ghandux interess guridiku fiha;

2. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artiklu mertu ta' din il-kawza mhuwiex malafamanti u jikkonsisti f'rapport ta' fatti veri jew kummenti gusti fuq fatti veri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavit ta’ l-attur Richard Matrenza u semghet ix-xhieda tieghu fil-11 ta’ Lulju, 2001;

Rat il-verbal ta’ l-istess data, u cioe` tal-11 ta’ Lulju, 2001, fejn id-difensur ta’ l-attur kien informa lill-Qorti li wara x-xhieda ta’ l-istess attur kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu il-konvenut qabel li jhallas seba’ mitt lira Maltin (lm700) per saldu kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji;

Rat il-verbal tal-21 ta’ Novembru, 2001 fejn id-difensur ta’ l-attur informa lill-Qorti li l-konvenut kien baghat cheque ghas-sorte;

Rat ukoll il-verbal tat-22 ta’ Marzu 2002 fejn l-attur informa lill-Qorti li kien fadal biss li l-konvenut jhallas l-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi sa l-ahhar differiment, u cioe` tad-29 ta’ Ottubru 2002, id-difensur ta’ l-attur ikkonferma li ghakemm il-konvenut kien hallas lill-attur ammont ta’ flus ghas-sorte, kien ghadu ma hallsux l-ispejjez tal-kawza. Ghalhekk l-attur baqa’ ma cediex il-kawza u l-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza;

Illi l-ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu l-konvenut kien ftiehem li jhallas Lm700 ghas-sorte kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ma jidhirx li gie redatt bil-miktub u wisq anqasipprezentat fl-atti; manadanakollu jirrizulta li l-konvenut effettivament hallas lill-attur ammont ta’ flus ghall-allegata malafama;

Illil-konvenut wara l-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ma jidhirx li ha ebda interess f’dawn il-proceduri u l-qorti kienet qed tigi nfurmata dwar it-trattativi biss permezz ta’ l-avukati u ta’ l-istess attur; ghal snin shah huwa naqas li jipprezenta l-affidavit tieghu in risposta ghal dak

pprezentat mill-attur. Id-dokumenti kollha u senjatament il-korrispondenza dwar it-trattativi ghal ftehim gew prezentanti mill-istess attur li anke ta x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti;

Illi skond il-verbal ta' l-udejenza tat-22 ta' Marzu 2002 l-attur imforma lill-Qorti li kien fadal biss li l-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza, dan jidher li baqa' ma sarx;

Illi mill-imsemmija xhieda ta' l-istess attur l-ewwel eccezzjoni mhux fondata;

Illi dwar il-meritu l-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha quddiemha tifhem li l-attur irnexxihielu jipprova it-tezi tieghu u t-tieni eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara lill-konvenut hati u responsabbli ta' malafama fil-konfront ta' l-attur meta ppermetta li jigi stampat l-artiklu "Dick 'Whittington' Matrenza" fil-harga tal-gazzetta "The People on Sunday" tas-26 ta' Ottubru 1997;

Tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba in vista tal-fatt li l-konvenut diga` hallas lill-attur somma flus kif jirizulta mill-verbali imsemmija;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-imsemmi konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur